MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 691/2005

**Mobisle Communications Limited C24655**

**Vs**

**Kostantinov Anastasiou**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjetaċ attrici li biha, wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjetaċ attrici fis-somma ta' hamest'elef, disa mija u hamsa u ghoxrin lira maltija u tnax il centezmu (LM5925.12) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut Kostantinov Anastasiou lil Mobisle Communications Limited, skond Client Contract Numbers 10590/1/1001306/1003144 in rigward ghal

servizzi lilu rezi mis-socjetaċ u dana fix-xhur bejn Dicembru 2004 u April 2005.

Illi peress illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas, u dana anke permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Gunju, 2005, il-konvenut xorta wahda baqa' inadempjenti;

Illi peress illi fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess rapprezentant tas-socjetaċ attrici jikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u li fil-fehma ta' l-atturi, l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghtu;

Jghid illi l-konvenut in vista tal-premess ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tikkujndannah ihallas lill-atturi s-somma ta' hames t'elef, disa mija u hamsa u ghoxrin lira maltija u tnax il centezmu (Lm5925.12) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut lis-socjetaċ attrici.

Bl-interessi dekorribbli mid-data ta' l-Ittra Ufficjali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali fuq imsemmija u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat illi ll-konvenut deher u ammetta t-talbiet wara li l-qorti fissritomlu.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghha tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-attrici kif dedotta fic-citazzjoni kontra s-socjetaċ konvenuta, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------